MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 802/2014

**Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Andrew Magri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Andrew Magri ta’ 37 sena bin Paul u Jane nee’ Mifsud, imwieled Attard fis-27 t’ April,

1977, residenti gewwa l-fond Avril D’ Amore, Triq il-Barmil, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 426577(M).

Akkuzat talli fis-7 t’ Awwissu 2014 u fix-xhur ta’ qabel f’ Hal-Qormi u bnadi ohra f’ dawn il-gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija illum ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f’ Hal-Qormi u nhawi ohra f’ Malta, impjiega persuni li ma kienux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time jew xort’ ohra b’ kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b’ dan l-impjieg kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3ª sa 10).

F’ kaz ta’ htija fuq dawn l-akkuzi, dina l-Onorabbli Qorti giet bir-rispett mitluba sabiex tapplika d-dispozizzjonijiet tar-regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi ghal sanzjonijiet u mizuri kontra min ihaddem lil cittadini minn pajjizi terzi b’ residenza llegali, Avviz Legali 432 tal-2011 (Ligi Sussidjarja

217.14 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jinghata dak il-haqq skond il-provvedimenti ta' dawn l-istess regolamenti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 t' Awwissu, 2014 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, u li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-piena ghandha tkun piena pekunarja u fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 32(1)(b) tal-Kap 217 kif ukoll ir-Regolamenti 3 sa 10 tal-A.L. 110/93 l-Qorti ssib lill-imputat tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ seba’ mitt euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------